



Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/247 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta lir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista u d-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex proċessati u prodotti tal-banana fil-qafas tal-iskema tal-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/248 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista u għad-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati u prodotti tal-banana fil-qafas tal-iskema tal-frott u tal-ħxejjex għall-iskejjel, u li jiffissa l-allokkazzjoni indikattiva għal dik l-għajnuna** 8
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/249 tal-10 ta' Frar 2016 li japprova emenda mhix minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Jambon de l'Ardèche (IĠP)]** 16
- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/250 tat-22 ta' Frar 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 17

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/247

tas-17 ta' Diċembru 2015

li jissupplimenta l-Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-provvista u d-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex proċessati u prodotti tal-banana fil-qafas tal-iskema tal-frott u l-ħxejjex għall-iskejjel

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 24 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 64(6)(a) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 jieħu post ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ⁽³⁾ u jstabbilixxi regoli ġodda rigward l-iskema tal-frott u l-ħxejjex għall-Iskejjel ("l-Iskema"). Jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni f'dak ir-rigward. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-Iskema fil-qafas ġuridiku l-ġdid, għandhom jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' atti bħal dawn. Dawn l-atti għandhom jieħdu post ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 ⁽⁴⁾, li għalhekk għandu jitħassar.
- (2) Din l-Iskema għandha l-għan li żżid il-konsum tal-frott u l-ħaxix għall-futur qarib u għal iżjed fit-tul u tippromwovi drawwiet ta' dieta bnina.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fl-Iskema, flivell nazzjonali jew reġjonali, għandhom ifasslu strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni tagħha u jipprevedu l-miżuri ta' akkumpanjament meħtieġa. Meta l-Istati Membri jagħżlu li jimplimentaw aktar minn Skema waħda fil-livell reġjonali, dawn għandhom ifasslu strateġija għal kull reġjun.
- (4) Skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 ⁽⁵⁾, il-Kummissjoni għandha tiffissal-allokkazzjoni indikattiva tal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-provvista ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati u prodotti tal-banana koperti bl-Iskema ("il-prodotti"). Sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal sħiħ tal-fondi disponibbli,

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar OKS Unika) (ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 tas-7 ta' April 2009 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-ghajjnuna Komunitarja għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessat u prodotti tal-banana lit-tfal fl-istabbiliment edukattivi, fil-qafas tal-Iskema tal-Frott għall-Iskejjel (ĠU L 94, 8.4.2009, p. 38).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti ghajjnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 12).

huwa xieraq li tkun prevista riallokazzjoni tal-ghajjnuna tal-Unjoni mhux mitluba bejn l-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw u li jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni li lesti jużaw aktar mill-allokkazzjoni indikattiva tagħhom tal-ghajjnuna tal-Unjoni.

- (5) L-ispejjeż imġarrba għax-xiri tal-prodotti kif ukoll xi spejjeż relatati magħhom li huma direttament marbuta mal-implimentazzjoni tal-Iskema, għandhom ikunu eliġibbli għall-ghajjnuna tal-Unjoni, sakemm dawn kienu previsti fl-istrateġija tal-Istat Membru. Madankollu, sabiex titħares l-effettività tal-Iskema, persentaġġ żgħir biss ta' ghajjnuna għandu jiġi allokati għal dawn l-ispejjeż relatati. Għall-finijiet tal-ġestjoni finanzjarja u tal-kontroll, dawn l-ispejjeż ma għandhomx jaqbużu ċerti limiti.
- (6) Fl-interess tal-amministrazzjoni soda u tal-ġestjoni u s-supervizzjoni baġitarja, għandhom jiġu speċifikati l-kundizzjonijiet għall-għoti tal-ghajjnuna, u għall-għażla u l-approvazzjoni tal-applikanti għall-ghajjnuna.
- (7) Sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-Iskema, u biex tkun tista' ssir revizzjoni bejn il-pari u tinqasam l-aħjar prassi, l-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Iskema tagħhom b'mod regolari u jibagħtu r-risultati u s-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni.
- (8) Għandhom jiġu ddeterminati penali sabiex ibiegħdu lill-applikanti minn imġiba ta' frodi u ta' negliġenza serja.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 23(10) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, il-pubbliku għandu jkun konxju biżżejjed mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Iskema. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jesebixxu powster fl-istabbiliment edukattiv li jipparteċipaw. Dan il-powster għandu jifassal f'konformità ma' ċerti rekwiżiti minimi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jissupplimentaw lir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 fir-rigward tal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-provvista u d-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati u prodotti tal-banana ("il-prodotti") għat-tfal u għal ċerti spejjeż relatati, fil-qafas tal-Iskema tal-Frott u l-Ħxejjex għall-Iskejjel kif imsemmi fl-Artikolu 23 ta' dan ir-Regolament ("l-Iskema").

Artikolu 2

L-istrateġija tal-Istati Membri

1. Meta jfasslu l-istrateġija tagħhom kif imsemmi fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu l-livell ġeografiku u amministrattiv li fih jixtiequ jimplementaw l-Iskema. Jekk jagħżlu li jimplementaw l-Iskema fil-livell reġjonali, dawn għandhom jipprovdu strateġija għal kull reġjun.

Stat Membru li jimplementa l-Iskema fil-livell reġjonali għandu jistabbilixxi punt uniku ta' kuntatt għal informazzjoni u notifiċi lill-Kummissjoni.

L-istrateġija tista' tkopri aktar minn sena skolastika waħda skont it-tifsira tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/248 ⁽¹⁾.

2. Il-miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għandhom jappoġġaw id-distribuzzjoni tal-prodotti u għandhom ikunu marbutin direttament mal-għanijiet tal-Iskema. F'dawn il-miżuri jistgħu jkunu involuti wkoll il-ġenituri u l-għalliema.

3. L-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fl-Iskema għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-istrateġija tagħhom sal-31 ta' Jannar li jiġi qabel il-bidu tal-ewwel sena skolastika koperta bl-istrateġija.

4. Meta l-Istat Membru jemenda l-istrateġija tiegħu, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-istrateġija emendata tiegħu sal-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara l-emenda.

(¹) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/248 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-ghajjnuna tal-Unjoni għall-provvista u d-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati u prodotti tal-banana fil-qafas tal-Iskema tal-Frott u l-Ħxejjex għall-Iskejjel, u li jiffissa allokkazzjoni indikattiva għal din l-ghajjnuna (ara l-paġna 8 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

Artikolu 3

Ir-riallokazzjoni tal-ghajjnuna tal-Unjoni

1. Meta l-Istati Membri ma jkunux applikaw għall-ghajjnuna tal-Unjoni sal-iskadenza msemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/248, jew ikunu talbu biss parti tal-allokazzjoni indikattiva tagħhom tal-ghajjnuna kif imsemmi fl-Artikolu 23(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u ffissat fl-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/248, l-allokazzjoni indikattiva tagħhom jew il-parti minnha mhux mitluba għandha tiġi allokata mill-ġdid għal dawk l-Istati Membri li jkunu nnotifikaw lill-Kummissjoni, sal-istess skadenza li lesti jużaw aktar mill-allokazzjoni indikattiva tagħhom.

2. Ir-riallokazzjoni għandha tkun limitata skont il-livell ta' użu tal-allokazzjoni definittiva tal-ghajjnuna tal-Unjoni mill-Istat Membru kkonċernat għas-sena skolastika li tkun intemmet qabel l-applikazzjoni għall-ghajjnuna. Dan il-livell ta' użu għandu jiġi stabbilit skont id-dikjarazzjonijiet tan-nefqa li jkunu ntbagħtu lill-Kummissjoni sal-15 ta' Ottubru tas-sena skolastika sussegwenti skont l-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 ⁽¹⁾.

Il-limiti għar-riallokazzjoni għandhom ikunu kif ġej:

- (a) meta l-użu tal-allokazzjoni definittiva ma jaqbiżx il-50 %, ma għandha tingħata l-ebda allokazzjoni addizzjonali;
- (b) meta l-użu tal-allokazzjoni definittiva jaqbeż il-50 % iżda ma jaqbiżx il-75 %, il-massimu tal-allokazzjoni addizzjonali għandu jkun limitat għal 50 % tal-allokazzjoni indikattiva;
- (c) meta l-użu tal-allokazzjoni definittiva jaqbeż il-75 %, l-allokazzjoni addizzjonali massima ma għandhiex tkun limitata.

Dawn il-limiti ma għandhomx japplikaw għall-ewwel sentejn skolastiċi ta' implimentazzjoni tal-Iskema minn Stat Membru.

Artikolu 4

L-ispejjeż eliġibbli

1. Dan huma l-ispejjeż eliġibbli għall-ghajjnuna tal-Unjoni:

- (a) l-ispejjeż tal-prodotti forniti bl-Iskema u mqasma lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi msemmija fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, inklużi l-ispejjeż tax-xiri, ir-renta, il-kiri u x-xiri bin-nifs ta' tagħmir li jintuża għall-provvista u għad-distribuzzjoni tal-prodotti, kif previst fl-istrateġija tal-Istat Membru;
- (b) dawn l-ispejjeż relatati li għandhom ikunu marbuta direttament mal-implimentazzjoni tal-Iskema:
 - (i) l-ispejjeż relatati mal-obbligu ta' monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-Istat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament;
 - (ii) l-ispejjeż għal pubbliċità tal-Iskema li għandhom l-għan dirett li jinfurmaw lill-pubbliku ġenerali dwar l-Iskema, inkluż:
 - l-ispiża tal-powster imsemmi fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament,
 - l-ispejjeż tal-kampanji ta' informazzjoni fuq ix-xandir, komunikazzjonijiet elettroniċi, gazzetti u mezzi simili tal-komunikazzjoni;
 - l-ispejjeż tas-sessjonijiet ta' informazzjoni, il-konferenzi, is-seminars u l-gruppi ta' ħidma iddedikati għall-informazzjoni tal-pubbliku ġenerali dwar l-Iskema u avvenimenti simili;
 - l-ispejjeż tal-materjal ta' informazzjoni u promozzjoni bħall-ittri, il-fuljetti, il-browxers, l-oġġetti u l-affarijiet simili;
 - (iii) l-ispejjeż għall-miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fl-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament, inklużi:
 - l-ispejjeż għall-organizzazzjoni ta' klassijiet tat-tidwiq, għall-ħolqien u ż-żamma ta' sessjonijiet ta' ġardinaġġ, għall-organizzazzjoni ta' żjarat fl-irziezet u għal attivitajiet simili mmirati li jqarrbu lit-tfal lejn il-biedja;
 - l-ispejjeż għal miżuri li għandhom l-għan li jedukaw lit-tfal dwar il-biedja, dwar id-drawwiet tajbin tal-ikel u dwar kwistjonijiet ambjentali marbutin mal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-prodotti.

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 908/2014 tas-6 ta' Awwissu 2014 li jstabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-aġenziji tal-pagamenti u korpi oħra, il-ġestjoni finanzjarja, l-approvazzjoni ta' kontijiet, ir-regoli dwar kontrolli, garanziji u trasparenza (ĠU L 255, 28.8.2014, p. 59).

2. Meta t-trasport u d-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti jiġu fatturati separatament, dawn l-ispejjeż ikunu eliġibbli għal għajjuna tal-Unjoni biss jekk ma jkunux jaqbuż t-3 % tal-ispejjeż tal-prodotti.

Meta l-prodotti jiġu forniti bla ħlas lill-istabbilimenti edukattivi, l-ispejjeż tat-trasport u d-distribuzzjoni ta' dawk il-prodotti jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajjuna tal-Unjoni, fuq il-bażi ta' fatturi, soġġetti għal limitu massimu li jiġi stabbilit fl-istrateġija tal-Istat Membru.

3. L-ispejjeż għall-pubbliċità u għall-miżuri ta' akkumpanjament ma għandhomx jiġu ffinanzjati fil-qafas ta' skemi oħra tal-għajjuna tal-Unjoni.

4. It-taxxa fuq il-valur miżjud (il-VAT) u n-nefqa relatata mal-ispejjeż tal-persunal mhumiex eliġibbli għall-għajjuna tal-Unjoni jekk dawk l-ispejjeż tal-persunal ikunu jiffinanzjawhom il-fondi pubbliċi tal-Istat Membru.

5. L-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli għar-reklamar ma għandux jaqbeż il-5 % tal-ammont annwali tal-allokazzjoni definittiva msemmija fl-Artikolu 23(5) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 għal kull Stat Membru kkonċernat.

L-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli tax-xiri, ir-renta, il-kiri u x-xiri bin-nifs ta' tagħmir, u għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ma għandux jaqbeż l-10 % tal-ammont annwali tal-allokazzjoni definittiva għal kull Stat Membru kkonċernat.

L-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli għall-miżuri ta' akkumpanjament ma għandux jaqbeż il-15 % tal-ammont annwali tal-allokazzjoni definittiva għal kull Stat Membru kkonċernat.

Artikolu 5

Il-kundizzjonijiet ġenerali biex tingħata l-għajjuna u l-għażla tal-applikanti għall-għajjuna

1. L-għajjuna mogħtija lil Stat Membru bl-iskema għandha tingħata lill-applikanti li lill-awtorità kompetenti jkunu pprezentawliha applikazzjoni għall-għajjuna relatata mal-implimentazzjoni ta' wieħed jew aktar minn dan li ġej:

- (a) il-provvista u/jew id-distribuzzjoni ta' prodotti lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi permezz tal-iskema;
- (b) il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-azzjonijiet;
- (c) il-pubbliċità;
- (d) il-miżuri ta' akkumpanjament.

L-applikazzjonijiet għall-għajjuna għandhom jippreżentawhom biss l-applikanti li ġew approvati skont l-Artikolu 6.

2. L-Istat Membru għandu jagħżel l-applikanti għall-għajjuna minn fost dawn l-entitajiet:

- (a) l-istabbilimenti edukattivi;
- (b) l-awtoritajiet edukattivi;
- (c) il-fornituri u/jew id-distributuri tal-prodotti;
- (d) l-organizzazzjonijiet li jaġixxu fisem wieħed jew aktar mill-istabbilimenti edukattivi jew mill-awtoritajiet edukattivi u stabbiliti b'mod speċifiku għal dan il-għan;
- (e) xi entità pubblika jew privata oħra li tkun involuta fil-ġestjoni u fil-forniment ta' xi waħda mill-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 6

Il-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-applikanti għall-għajjuna

1. L-applikanti għall-għajjuna għandha tapprovahom l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun jinsab l-istabbiliment edukattiv li lili jiġu forniti u/jew mqassma l-prodotti. L-approvazzjoni għandha tkun soġġetta għal dawn l-impenji bil-miktub li għamel l-applikant:

- (a) li jiżgura li l-prodotti ffinanzjati mill-Unjoni bl-iskema huma disponibbli għall-konsum mit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi li għalihom ikunu applikaw għall-għajjuna;

- (b) li juża l-għajnuna allokata għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni għall-pubbliċità jew għall-miżuri ta' akkumpanjament skont l-għanijiet tal-Iskema;
 - (c) li jirrifondi kull ammont ta' għajnuna mħallsa b'mod mhux dovut għall-kwantitajiet konċernati, jekk jinstab li l-prodotti ma jkunux tqassmu lit-tfal jew ma jkunux eliġibbli għall-għajnuna tal-Unjoni;
 - (d) li jirrifondi kull ammont ta' għajnuna mħallsa b'mod mhux dovut għall-miżuri ta' akkumpanjament, jekk jinstab li dawn il-miżuri ma jkunux twettqu sew;
 - (e) li d-dokumenti ta' sostenn jagħmilhom disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti meta dawn jitolbuhom;
 - (f) li jippermetti kull verifika li l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li tagħmel, b'mod partikolari l-iskrutinju tar-reġistri u l-ispezzjonijiet fiżiċi.
2. Fil-każ ta' applikazzjonijiet għall-għajnuna li għandhom x'jaqsmu mal-provvista u mad-distribuzzjoni tal-prodotti, dawk li qed japplikaw għall-għajnuna għandhom jagħmlu impenn addizzjonali bil-miktub biex iżommu regjistru tal-ismijiet u tal-indirizzi tal-istabbilimenti edukattivi jew, meta jkun xieraq, tal-awtoritajiet edukattivi u tal-prodotti u tal-kwantitajiet mibjugħa jew fornuti lil dawn l-istabbilimenti jew l-awtoritajiet.
3. Fil-każ ta' applikazzjonijiet ta' għajnuna relatati mal-monitoraġġ, l-evalwazzjoni jew il-pubbliċità, għandhom japplikaw biss il-punti (b) u (e) tal-paragrafu 1.
4. Fil-każ ta' applikazzjonijiet ta' għajnuna relatati mal-miżuri ta' akkumpanjament, għandhom japplikaw biss il-punti (b), (d), (e) u (f) tal-paragrafu 1. Barra minn hekk, l-awtorità kompetenti tista' tispeċifika kull impenn bil-miktub li għandu jwettaq l-applikant, b'mod partikolari fir-rigward ta':
- (a) il-miżuri ta' akkumpanjament imwettqa fl-iskejjel, meta dawk l-iskejjel ma jkunux applikanti għall-għajnuna;
 - (b) il-miżuri ta' akkumpanjament li jinkludu d-distribuzzjoni tal-prodotti.

Artikolu 7

Is-sospensjoni jew l-irtirar tal-approvazzjoni

Jekk l-applikant jonqos milli jikkonforma mal-obbligi previsti f'dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti għandha tissospendi l-approvazzjoni tal-applikant għal perjodu ta' bejn xahar u tnaax-il xahar jew tirtiraha, skont il-gravità tan-nuqqas ta' konformità u skont il-prinċipju tal-proporzjonalità.

Azzjoni bħal din ma għandhiex tittieħed f'każijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 64(2) tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 jew jekk in-nuqqas ta' konformità kien minuri.

Meta jitlob l-applikant u jekk ikunu tranġaw ir-raġunijiet għall-irtirar, l-awtorità kompetenti tista' terġa' tagħti l-approvazzjoni lill-applikant wara perjodu minimu ta' 12-il xahar mid-data meta r-raġunijiet għall-irtirar ikunu ssewwew.

Artikolu 8

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-istrutturi u l-forom adegwati sabiex jiżguraw il-monitoraġġ annwali tal-implimentazzjoni tal-Iskema.
2. L-Istati Membri għandhom jevalwaw l-implimentazzjoni tal-Iskema sabiex tiġi vvalutata l-effettività tagħha fid-dawl tal-għanijiet tagħha.
3. Meta Stat Membru ma jressaqx rapport ta' evalwazzjoni quddiem il-Kummissjoni, li jkun fih ir-riżultati tal-evalwazzjoni previsti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fil-limiti taż-żmien imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/248, l-ammont tal-allokazzjoni definittiva li jmiss għandu jitnaqqas kif ġej:
 - (a) b'5 % jekk il-limitu taż-żmien jinqabeż b'1 sa 30 jum;
 - (b) b'10 % jekk il-limitu taż-żmien jinqabeż b'31 sa 60 jum.

Jekk il-limitu taż-żmien jinqabeż b'aktar minn 60 jum, l-allokazzjoni definittiva għandha titnaqqas b'1 % għal kull jum addizzjonali, ikkalkulata fuq il-bilanċ li jifdal.

Artikolu 9

Il-penali

Fil-każ ta' ħlasijiet irregolari li mhumiex dovuti għal erruri ovvi u fil-każ ta' frodi jew ta' negliġenza serja li għaliha l-applikant ikun responsabbli, minbarra li jirkupra l-ammonti mħallsa b'mod mhux dovut, dan għandu jħallas ukoll ammont li jkun ugwali għad-differenza bejn l-ammont imħallas inizjalment u l-ammont li huwa intitolat għalih l-applikant.

Artikolu 10

Powster tal-Unjoni dwar "L-iskema tal-Frott u l-Ħxejjex għall-Iskejjel"

Għall-finijiet tal-Artikolu 23(10) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri jistgħu jużaw powster li jissodisfa r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament, li għandu jitqiegħed b'mod permanenti f'post viżibbli u leġġibbli b'mod ċar fl-intrata tal-istabbilimenti edukattivi li jkunu qed jipparteċipaw.

Artikolu 11

Tħassir

Ir-Regolament (KE) Nru 288/2009 huwa mħassar.

Artikolu 12

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan japplika għall-għajnuna għas-sena skolastika 2016/2017 u għas-snin skolastiċi ta' wara.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Rekwiżiti minimi tal-powster imsemmi fl-Artikolu 10

Id-daqs tal-powster: A3 jew akbar

Ittri: Ċentimetru (1) jew akbar

Titlu: “Skema tal-Frott u l-Ħxejjex għall-Iskejjel” tal-Unjoni Ewropea

Kontenut: Tal-anqas bit-test li ġej:

“L-[speċifika t-tip ta’ stabbiliment edukattiv (pereżempju skola tat-trabi/skola ta’ qabel l-iskola primarja/skola)] tagħna tipparteċipa fl-Iskema Ewropea tal-Frott għall-Iskejjel’ tal-Unjoni Ewropea bl-appoġġ finanzjarju tal-Unjoni Ewropea.”

Il-powster għandu jkollu l-emblema tal-Unjoni.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/248**tas-17 ta' Diċembru 2015**

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista u għad-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati u prodotti tal-banana fil-qafas tal-iskema tal-frott u tal-ħxejjex għall-iskejjel, u li jiffissa l-allokazzjoni indikattiva għal dik l-għajnuna

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 25 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 62(2)(a) sa (d) u 64(7)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1370/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 li jiddetermina miżuri dwar l-iffissar ta' ċerti għajnuniet u rifużjonijiet relatati mal-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli ⁽³⁾, u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ħa post ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 ⁽⁴⁾ u jistabbilixxi regoli ġodda dwar l-iskema tal-frott u tal-ħxejjex għall-iskejjel ("l-iskema"). Jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni f'dak ir-rigward. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-iskema fil-qafas legali l-ġdid, għandhom jiġu adottati ċerti regoli permezz ta' tali atti. Dawk l-atti għandhom jieħdu post ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 ⁽⁵⁾, li tħassar bir-Regolament Delegat (UE) 2016/247 ⁽⁶⁾.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013, l-Istati Membri li jkunu jixtiequ jipparteċipaw fl-iskema għandhom ifasslu strateġija minn qabel għall-implimentazzjoni tagħha. Sabiex tkun tista' tiġi evalwata l-implimentazzjoni tal-iskema, għandhom jiġu definiti l-elementi tal-istrateġija.
- (3) Fl-interess ta' ġestjoni soda tal-amministrazzjoni u tal-baġit, l-Istati Membri li jimplementaw l-iskema għandhom japplikaw għall-għajnuna tal-Unjoni fuq bażi annwali u għandu jiġi definit il-kontenut ta' tali applikazzjoni.
- (4) Għandhom jiġu ddeterminanti l-kontenut u l-frekwenza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna ppreżentati mill-applikanti għall-għajnuna, kif ukoll ir-regoli dwar il-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet. Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi speċifikata l-evidenza meħtieġa għas-sostenn tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna. Għandhom jiġu stabbiliti wkoll il-penali li jridu jiġu applikati mill-awtorità kompetenti meta applikazzjoni għall-għajnuna tiġi ppreżentata tard.

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.

⁽²⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 549.

⁽³⁾ ĠUL 346, 20.12.2013, p. 12.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) (ĠUL 299, 16.11.2007, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 288/2009 tas-7 ta' April 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-għajnuna Komunitarja għall-forniment ta' frott u ħaxix, frott u ħaxix ipproċessati u prodotti tal-banana lit-tfal fl-istabbilimenti edukattivi, fil-qafas tal-iskema tal-frott għall-iskejjel (ĠUL 94, 8.4.2009, p. 38).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/247 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista u għad-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati u prodotti tal-banana fil-qafas tal-iskema tal-frott u tal-ħxejjex għall-iskejjel (ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

- (5) Il-kundizzjonijiet għall-ħlas tal-għajnuna għandhom jiġu ċċarati aktar sabiex titqies id-distinzjoni bejn l-għajnuna għall-provvista u għad-distribuzzjoni tal-prodotti u tal-għajnuna għat-twettiq ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, reklamar u miżuri ta' akkumpanjament. Għandu jkun speċifikat il-kontenut tal-evidenza ddokumentata meħtieġa għas-sostenn ta' kull applikazzjoni għall-ħlas tal-għajnuna.
- (6) Sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-Iskema, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati u bis-sejbiet tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni tagħhom tal-Iskema. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jixraq li tiġi ffixxata data għan-notifika tar-rapport ta' evalwazzjoni u tar-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawk id-dokumenti.
- (7) Sabiex jitħarsu l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandhom jiġu adottati miżuri ta' kontroll adegwati għall-ġlieda kontra l-irregolaritajiet u l-frodi. Dawn il-miżuri ta' kontroll għandhom jinvolvu verifika amministrattiva sħiħa ssupplementata b'verifiki fuq il-post. Il-kamp ta' applikazzjoni, il-kontenut, l-iskeda taż-żmien u r-rappurtar ta' tali miżuri ta' kontroll għandhom jiġu speċifikati biex jiżguraw approċċ ġust u uniformi bejn l-Istati Membri, filwaqt li jqisu l-implimentazzjoni differenti tagħhom tal-Iskema.
- (8) L-ammonti mħallsa b'mod mhux dovut għandhom jiġu rkuprati skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 ⁽¹⁾.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 23(10) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 il-pubbliku għandu jkun konxju biżżejjed dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Iskema. Minbarra d-dispożizzjonijiet rigward il-kartellun stipulati fir-Regolament Delegat (UE) 2016/247 jixraq li jiġu stabbiliti regoli dwar ir-reklamar tal-Iskema u dwar l-użu tal-emblema tal-Unjoni. Jixraq ukoll li jiġi permess l-użu tranżizzjonali tal-kartelluni użati bħalissa u ta' għodod oħra ta' reklamar għal perjodu ta' żmien limitat.
- (10) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komunitas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Kamp ta' applikazzjoni u definizzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 u (UE) Nru 1370/2013 rigward l-għajnuna tal-Unjoni għall-provvista u għad-distribuzzjoni ta' frott u ħxejjex, frott u ħxejjex ipproċessati u prodotti tal-banana ("il-prodotti") għat-tfal u għal ċerti spejjeż relatati fil-qafas tal-iskema tal-frott u tal-ħxejjex għall-iskejjel kif imsemmi fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ("l-Iskema").
2. Għall-finijiet tal-Iskema, "sena skolastika" tfisser perjodu li jibda mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Lulju tas-sena ta' wara.

Artikolu 2

Strateġija tal-Istati Membri

1. L-istrateġija ta' Stat Membru kif imsemmi fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 u fl-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247 għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:
 - (a) il-livell ġeografiku u amministrattiv li fih se tiġi implimentata l-Iskema;
 - (b) it-tul ta' żmien tal-istrateġija;
 - (c) jekk disponibbli, informazzjoni dwar il-livell tal-konsum tal-prodotti kkonċernati;

⁽¹⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 809/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, tal-miżuri tal-iżvilupp rurali u tal-kundizzjonalità (ĠUL 227, 31.7.2014, p. 69).

- (d) l-għanijiet operattivi tagħha fi ħdan l-Iskema u l-miri li jridu jinkisbu;
 - (e) jekk skema għall-iskejjel nazzjonali eżistenti qed tiġi estiża jew qed issir aktar effettiva permezz tal-użu ta' fondi tal-Unjoni, l-arranġamenti li ddaħħlu fis-seħħ biex jiġi żgurat il-valur miżjud tal-Iskema;
 - (f) il-baġit stmat jew il-perċentwali tal-baġit għall-elementi ewlenin tal-Iskema;
 - (g) il-grupp fil-mira;
 - (h) il-lista ta' prodotti li se jiġu pprovduti fi ħdan l-Iskema;
 - (i) l-għanijiet u l-kontenut tal-miżuri ta' akkumpanjament;
 - (j) deskrizzjoni ta' kif il-partijiet ikkonċernati rilevanti se jkunu involuti;
 - (k) informazzjoni dwar l-arranġamenti għad-distribuzzjoni ta' prodotti u proċeduri ta' għażla tal-fornituri;
 - (l) l-arranġamenti implimentati għar-reklamar tal-għoti ta' għajnuna tal-Unjoni, inkluż fejn l-istrateġija tippermetti l-konsum tal-ikliet regolari tal-iskola fl-istess ħin mal-prodotti ffinanzjati fi ħdan l-Iskema;
 - (m) l-istrutturi u l-formoli stabbiliti għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni tal-Iskema skont l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247 u għall-verifiki stipulati fl-Artikoli 7 u 8 ta' dan ir-Regolament.
2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-istrateġiji tal-Istati Membri.

Artikolu 3

Applikazzjoni għall-għajnuna ppreżentata mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw l-applikazzjonijiet għall-għajnuna relatati mas-sena skolastika li jmiss sal-31 ta' Jannar ta' kull sena. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna għandu jkun fihom l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-allokazzjoni indikattiva ta' għajnuna stabbilita fl-Anness;
- (b) l-ammont mitlub jekk ma jkunx hemm rieda li jintuża l-ammont kollu tal-allokazzjoni indikattiva;
- (c) ir-rieda li tintuża aktar mill-allokazzjoni indikattiva u l-ammont addizzjonali massimu mitlub jekk tkun disponibbli allokazzjoni addizzjonali;
- (d) l-ammont totali mitlub.

L-ammonti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu espressi f'EUR.

Artikolu 4

Applikazzjoni għall-għajnuna ppreżentata mill-applikanti għall-għajnuna

1. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu dwar il-forma, il-kontenut u l-frekwenza tal-applikazzjonijiet għall-għajnuna skont l-istrateġija tagħhom u r-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7.
2. L-applikazzjonijiet għall-għajnuna relatati mal-provvista u mad-distribuzzjoni ta' prodotti għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
 - (a) il-kwantitajiet ta' prodotti distribwiti;
 - (b) l-isem u l-indirizz jew in-numru tal-identifikazzjoni tal-istabbilimenti edukattivi jew tal-awtoritajiet tal-edukazzjoni li lillhom ġew distribwiti dawn il-kwantitajiet;
 - (c) in-numru ta' tfal li jattendu regolarment l-istabbilimenti edukattivi rispettivi intitolati li jirċievu l-prodotti koperti mill-Iskema matul il-perjodu kopert mill-applikazzjoni għall-għajnuna.

3. L-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna relatati mal-provvista u mad-distribuzzjoni ta' prodotti għandhom ikopru perjodu ta' mhux aktar minn ħames xhur.
4. L-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għandhom jiġu ppreżentati fi żmien tliet xhur minn tmiem il-perjodu li jkopru.
5. L-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna relatati mar-rapport ta' evalwazzjoni stipulat fl-Artikolu 6(2) għandhom jiġu ppreżentati fi żmien xahar mid-data li fiha ġie ppreżentat dak ir-rapport kif imsemmi f'dak il-paragrafu.
6. Jekk il-limitu taż-żmien imsemmi fil-paragrafi 4 u 5 jinqabeż b'anqas minn 60 jum, l-ghajjnuna għandha titħallas iżda għandha titnaqqas kif ġej:
 - (a) b'5 % jekk il-limitu ta' żmien jinqabeż b'perjodu bejn jum u 30 jum;
 - (b) b'10 % jekk il-limitu ta' żmien jinqabeż b'perjodu bejn 31 u 60 jum;Ladarba l-limitu ta' żmien jinqabeż b'aktar minn 60 jum, l-ghajjnuna għandha tkompli titnaqqas b'1 % għal kull jum addizzjonali, ikkalkulat fuq il-bilanċ li jifdal.
7. L-ammonti mitluba fl-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna għandhom ikunu sostnuti minn evidenza ddokumentata li turi l-prezz tal-prodotti, tal-materjal jew tas-servizzi mogħtija flimkien ma' rċevuta jew prova ta' ħlas jew ekwivalenti. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw id-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati b'sostenn għall-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna.

Fil-każ ta' applikazzjonijiet għall-ghajjnuna relatati ma' monitoraġġ, evalwazzjoni, reklamar u miżuri ta' akkumpanjament, l-evidenza ddokumentata għandha tinkludi t-tqassim finanzjarju skont l-attività u d-dettalji tal-ispejjeż relatati.

Artikolu 5

Ħlas tal-ghajjnuna

1. L-ghajjnuna relatata mal-provvista u mad-distribuzzjoni tal-prodotti għandha titħallas biss:
 - (a) jekk tiġi ppreżentata rċevuta għall-kwantitajiet effettivament ipprovduti u ddistribwiti; jew
 - (b) fuq il-bażi tar-rapport ta' spezzjoni magħmul mill-awtorità kompetenti qabel il-ħlas finali tal-ghajjnuna, li jistabbilixxi li r-rekwiżiti tal-ħlas ikunu ntlaħqu; jew
 - (c) jekk l-Istat Membru jawtorizza hekk, ġaladarba tiġi ppreżentata prova alternattiva li l-kwantitajiet ipprovduti u ddistribwiti għall-finijiet tal-Iskema jkunu tħallsu.
2. L-ghajjnuna relatata mal-monitoraġġ, mal-evalwazzjoni, mar-reklamar u mal-miżuri ta' akkumpanjament għandha titħallas biss mal-kunsinna tal-materjal jew tas-servizzi kkonċernati u malli tiġi ppreżentata l-evidenza ddokumentata relatata kif mitlub mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.
3. L-awtorità kompetenti għandha tħallas l-ghajjnuna fi żmien tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-ghajjnuna.

Artikolu 6

Monitoraġġ u evalwazzjoni

1. Il-monitoraġġ kif imsemmi fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247 għandu jissejjes fuq id-dejta li toriġina mill-obbligi ta' ġestjoni u ta' kontroll, inklużi dawk stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5 ta' dan ir-Regolament.
- L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ sat-30 ta' Novembru wara t-tmiem tas-sena skolastika kkonċernata.

2. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport ta' evalwazzjoni, li jkun fih ir-riżultati tal-evalwazzjoni stipulati fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247 għall-perjodu preċedenti ta' implimentazzjoni ta' ħames snin skolastiċi sal-1 ta' Marzu tas-sena ta' wara li jintemm dak il-perjodu.

L-ewwel rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi ppreżentat fl-1 ta' Marzu 2017 jew qabel.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-riżultati tal-eżerċizzju ta' monitoraġġ u r-rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri.

Artikolu 7

Verifiki amministrattivi

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu verifika amministrattiva tal-applikazzjonijiet kollha għall-ghajjnuna.

2. Il-verifiki amministrattivi mwettqa fir-rigward tal-ghajjnuna mogħtija għall-provvista u għad-distribuzzjoni tal-prodotti għandhom jinkludu r-rieżami tad-dokumenti ta' sostenn, kif iddefinit mill-Istati Membri, relatati mal-provvista u mad-distribuzzjoni tal-prodotti.

Il-verifiki amministrattivi mwettqa fir-rigward tal-ghajjnuna mogħtija għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni, ir-reklamar u l-miżuri ta' akkumpanjament għandhom jinkludu l-verifika tal-għoti tal-materjal u tas-servizzi u l-veraċità tan-nefqa ddikjarata.

3. F'każ ta' ghajjnuna marbuta mal-provvista u mad-distribuzzjoni tal-prodotti u mal-miżuri ta' akkumpanjament, il-verifiki amministrattivi għandhom ikunu ssupplimentati b'verifiki fuq il-post f'konformità mal-Artikolu 8.

Artikolu 8

Verifiki fuq il-post

1. F'każ ta' ghajjnuna marbuta mal-provvista u mad-distribuzzjoni tal-prodotti, il-verifiki fuq il-post għandhom jitwettqu u għandhom jinkludu b'mod partikolari l-verifika ta' dan li ġej:

(a) ir-reġistri msemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247, inklużi r-reġistri finanzjarji bħall-fatturi tax-xiri u tal-bejgħ, in-noti ta' kunsinna jew l-estratti bankarji;

(b) l-użu tal-prodotti f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Il-verifiki fuq il-post għandhom jitwettqu fir-rigward ta' kull sena skolastika. Dawn għandhom ikopru l-attivitajiet imwettqa matul it-tmax-il xahar ta' qabel.

Il-verifiki fuq il-post jistgħu jsiru matul l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' akkumpanjament.

3. L-għadd totali ta' verifiki fuq il-post għandhom ikopru mill-inqas 5 % tal-ghajjnuna ddistribwita fil-livell nazzjonali u mill-inqas 5 % tal-applikanti kollha għall-ghajjnuna li jittrattaw il-provvista u d-distribuzzjoni tal-prodotti u l-miżuri ta' akkumpanjament.

Meta l-għadd tal-applikanti għall-ghajjnuna fi Stat Membru jkun anqas minn mija, il-verifiki fuq il-post għandhom jitwettqu fil-postijiet ta' mhux anqas minn ħames applikanti.

Meta l-għadd tal-applikanti għall-ghajjnuna fi Stat Membru jkun anqas minn ħamsa, il-verifiki fuq il-post għandhom jitwettqu fil-bini tal-applikanti kollha.

Meta l-applikant, li ma jkunx stabbiliment edukattiv, japplika għall-ghajjnuna marbuta mal-provvista u mad-distribuzzjoni tal-prodotti, il-verifika fuq il-post imwettqa fil-bini ta' dak l-applikant għandha tkun issupplimentata minn verifiki fuq il-post fil-bini ta' mill-inqas żewġ stabbilimenti edukattivi jew ta' mill-inqas 1 % tal-istabbilimenti edukattivi rreġistrati mill-applikant f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247, skont liema minnhom ikun l-akbar.

Meta l-applikant japplika għall-ghajjnuna marbuta mal-miżuri ta' akkumpanjament, il-verifiki fuq il-post fil-bini tal-applikant jistgħu jiġu sostitwiti, abbażi ta' analiżi tar-riskju, minn verifiki fuq il-post fil-postijiet fejn jitwettqu l-miżuri ta' akkumpanjament. Fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju, l-Istati Membri għandhom jiffissaw il-livell ta' tali verifiki fuq il-post.

4. Fuq il-bażi ta' analiżi tar-riskju, l-awtorità kompetenti għandha tagħżel dawk l-applikanti li għandhom jiġu soġġetti għal verifiki fuq il-post.

Għal dan l-għan, l-awtorità kompetenti għandha b'mod partikolari tqis dan li ġej:

- (a) iż-żoni ġeografiċi differenti;
- (b) in-natura rikorrenti tal-iżbalji u s-sejbiet tal-verifiki li jkunu twettqu fis-snin ta' qabel;
- (c) l-ammont ta' għajjnuna involuta;
- (d) it-tip ta' applikanti;
- (e) it-tip ta' miżura ta' akkumpanjament, jekk ikun hemm.

5. Sakemm l-iskop tal-verifiki ma jiġix ippreġudikat, jista' jingħata avviż bil-quddiem, limitat b'mod strett għall-perjodu taż-żmien minimu neċessarju.

6. L-awtorità kompetenti ta' kontroll għandha tfassal rapport ta' kontroll dwar kull verifika fuq il-post. Ir-rapport għandu jiddeskrivi preċiżament il-prodotti differenti kkontrollati.

Ir-rapport ta' kontroll għandu jitqassam fil-partijiet li ġejjin:

- (a) parti ġenerali li jkun fiha l-informazzjoni li ġejja, jekk dan ikun rilevanti:
 - (i) l-istrateġija tal-Iskema li tapplika, il-perjodu kopert, l-applikazzjonijiet għall-ghajjnuna vverifikati, il-kwantitajiet tal-prodotti, l-istabbilimenti edukattivi li jkunu qed jipparteċipaw, stima bbażata fuq id-dejta disponibbli dwar l-għadd ta' tfal li għalihom tħallset l-ghajjnuna u l-ammont finanzjarju involut;
 - (ii) il-persuni responsabbli preżenti;
- (b) parti li tid-deskrivi, b'mod separat, il-verifiki mwettqa, u li jkun fiha, b'mod partikolari, l-informazzjoni li ġejja:
 - (i) id-dokumenti li ġew ivverifikati;
 - (ii) in-natura u l-ammont ta' verifiki li jkunu twettqu;
 - (iii) ir-rimarki u s-sejbiet.

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, sat-30 ta' Novembru wara t-tmiem tas-sena skolastika, bil-verifiki fuq il-post imwettqa u s-sejbiet relatati.

Artikolu 9

Rkupru ta' pagamenti indebiti

Għall-irkupru ta' ammonti mħallsa b'mod indebitu, għandu japplika, *mutatis mutandis*, l-Artikolu 7 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 809/2014.

Artikolu 10

Reklamar tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-Iskema

1. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li ma jużawx il-kartellun imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247, fl-istrateġija tagħhom għandhom jispjegaw b'mod ċar kif se jgħarrfu lill-pubbliku dwar il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-iskema għall-iskejjel tagħhom.

2. Il-miżuri dwar ir-reklamar u l-mezzi ta' komunikazzjoni msemmija fil-punt (b)(ii) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247 għandhom, sa fejn ikun possibbli, juru l-bandiera Ewropea u jsemmu "l-Iskema tal-Frott u tal-Ħxejjex għall-Iskejjeġ" tal-Unjoni jew l-akronimu tagħha u s-sostenn finanzjarju tal-Unjoni.
3. L-għodod u l-materjal edukattiv li jridu jintużaw fil-qafas tal-miżuri ta' akkumpanjament imsemmija fil-punt (b)(iii) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2016/247 għandhom, sa fejn ikun possibbli, juru l-bandiera Ewropea u jsemmu "l-Iskema tal-Frott u tal-Ħxejjex għall-Iskejjeġ" tal-Unjoni jew l-akronimu tagħha u s-sostenn finanzjarju tal-Unjoni.
4. Ir-referenzi għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandhom jirċievu mill-anqas l-istess viżibbiltà bħall-kontribuzzjonijiet minn entitajiet privati jew pubbliċi oħra li jkunu qed jappoġġaw l-iskema għall-iskejjeġ tal-Istat Membru.
5. L-Istati Membri jistgħu jkomplu jużaw ħażniet eżistenti ta' kartelluni u għodod oħra ta' reklamar stampat qabel is-26 ta' Frar 2016 skont ir-Regolament (KE) Nru 288/2009.

Artikolu 11

Notifiki

In-notifiki mill-Istati Membri lill-Kummissjoni stipulati f'dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 ⁽¹⁾.

Artikolu 12

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika għal għajna għas-sena skolastika 2016/2017 u għas-snin skolastiċi sussegwenti.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jstipula regoli dettaljati għan-notifiki tal-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar informazzjoni u dokumenti fl-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq, l-iskema tal-pagamenti diretti, il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u s-sistemi applikabbli għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew (ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3).

ANNEX

Allokazzjoni indikattiva tal-għajnuna mill-Unjoni lil kull Stat Membru

Stat Membru	Ir-rata tal-kofinanzjament (f%)	Tfal bejn is-6 u l-10 snin — numri assoluti	EUR
L-Awstrija	75	406 322	2 239 273
Il-Belġju	75	611 450	3 369 750
Il-Bulgarija	90	316 744	2 094 722
Il-Kroazja	90	205 774	1 360 845
Ċipru	75	44 823	290 000
Ir-Repubblika Ċeka	88	480 495	3 124 660
Id-Danimarka	75	328 182	1 808 638
L-Estonja	90	66 436	439 361
Il-Finlandja	75	290 308	1 599 911
Franza	76	4 051 279	22 500 145
Il-Ġermanja	75	3 575 991	19 707 575
Il-Greċja	81	529 648	3 143 600
L-Ungerija	86	482 160	3 031 022
L-Irlanda	75	319 126	1 758 729
L-Italja	80	2 853 098	16 719 794
Il-Latvja	90	95 861	633 957
Il-Litwanja	90	136 285	901 293
Il-Lussemburgu	75	29 473	290 000
Malta	75	19 511	290 000
In-Netherlands	75	986 118	5 434 576
Il-Polonja	88	1 802 733	11 645 350
Il-Portugall	85	527 379	3 284 967
Ir-Rumanija	89	1 054 185	6 869 985
Is-Slovakkja	89	262 703	1 709 502
Is-Slovenja	83	91 095	554 291
Spanja	75	2 337 457	12 939 604
L-Iżvezja	75	518 322	2 856 514
Ir-Renju Unit	76	3 494 635	19 401 935
UE 28	79	25 917 593	150 000 000

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/249**tal-10 ta' Frar 2016****li japprova emenda mhix minuri fl-ispeċifikazzjoni ta' denominazzjoni mniżżla fir-reġistru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Jambon de l'Ardèche (IĠP)]**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat it-talba mressqa minn Franza għall-approvazzjoni ta' emendi fl-ispeċifikazzjoni tal-indikazzjoni ġeografika protetta "Jambon de l'Ardèche", irreġistrata skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1023/2010 ⁽²⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri fis-sens tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat it-talba għall-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament imsemmi ⁽³⁾.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma waslitilha ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-emenda tal-ispeċifikazzjoni għandha tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*L-emenda fl-ispeċifikazzjoni ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* dwar id-denominazzjoni "Jambon de l'Ardèche" (IĠP), hija approvata.*Artikolu 2*Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
 Phil HOGAN
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠUL 343, 14.12.2012, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1023/2010 tat-12 ta' Novembru 2010 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Jambon de l'Ardèche (IĠP)] (ĠUL 296, 13.11.2010, p. 5).⁽³⁾ ĠU C 330, 7.10.2015, p. 3.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/250**tat-22 ta' Frar 2016****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ⁽¹⁾,Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.
- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Frar 2016.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠUL 347, 20.12.2013, p. 671.⁽²⁾ ĠUL 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)			
Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni	
0702 00 00	IL	236,2	
	MA	92,5	
	SN	172,2	
	TN	107,9	
	TR	111,5	
	ZZ	144,1	
0707 00 05	MA	84,0	
	TR	184,9	
	ZZ	134,5	
0709 91 00	TN	173,6	
	ZZ	173,6	
0709 93 10	MA	45,6	
	TR	162,7	
	ZZ	104,2	
0805 10 20	CL	98,4	
	EG	46,8	
	IL	78,1	
	MA	59,5	
	TN	50,6	
	TR	62,1	
	ZZ	65,9	
	IL	118,2	
0805 20 10	MA	84,8	
	TR	93,7	
	ZZ	98,9	
	EG	68,8	
	IL	140,5	
	JM	160,3	
	MA	118,9	
	TR	54,9	
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	ZZ	108,7	
	EG	97,1	
	IL	96,1	
	MA	83,5	
	TR	93,3	
	ZZ	92,5	
	0805 50 10	EG	97,1
		IL	96,1
MA		83,5	
TR		93,3	
ZZ		92,5	

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0808 10 80	CL	92,5
	US	108,3
	ZZ	100,4
0808 30 90	CL	173,8
	CN	89,7
	TR	156,1
	ZA	95,2
	ZZ	128,7

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT